**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH**

**DISTRETT QORMI**

**Pulizija**

**vs**

**Darren Brincat**

**Illum, 29 ta' Ottubru, 2021**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet imressqa kontra Darren Brincat bil-karta tal-identità numru 521079M, li ġie akkużat talli fit-23 ta' Dicembru 2019, għal ħabta ta' 20:00hrs, ġewwa The Old Bakery, Triq il-Vitorja, Hal-Qormi

1) *Ghex hajja ta' ghazz u ta' vagabundagg;*
2) *F' xi post pubbliku immolesta n-nies biex jitlob ghal karita;*
3) *U aktar talli fil-11 ta' Jannar 2020 ghall-habta ta' 12.30hrs fl-istess lok bil-hsieb li jaghmel delitt juri dan il-hsieb b' atti esterni u jaghti bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta tieghu;*
4) *Hebb u kkaguna griehi ta' natura hafifa li l-effett ikkunsidrat sew ghal dak li hu l-gisem ta' Mariah Magro kemm moralment ikun ta' importanza zghira skont kif iccertifikat minn Dr Gabriel Borg Reg 4242 ta' Floriana Health Centre.*

Il-Qorti hija mitluba li f'każ ta' ħtija, tapplika l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti eżebiti;

Semgħet il-provi;

Semgħet sottomissjonijiet;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni, il-Prosekuzzjoni ma resqitx provi, ħlief dak li ssemma fl-affidavit ta' PS 274 James Turner, li fl-aħħar mill-aħħar, huwa dak li sostna ċertu Gordon Micallef mal-istess PS 274. Fix-xhieda mogħtija minn Gordon Micallef, huwa xehed dwar dak li allegatament seħħ fil-11 ta' Jannar 2020, u mhux dwar dak li allegatament seħħ fit-23 ta' Diċembru 2019. Għalhekk, din il-Qorti qiegħda tillibera lill-imputat minn kull ħtija dwar l-ewwel u t-tieni imputazzjoni.

Dwar it-tielet imputazzjoni, l-imputat qed jiġi akkużat bl-attentat ta' serq mill-ħanut, The Old Bakery fi Triq il-Vittorja, Ħal Qormi.

Illi l-liġi penali tagħna, ma tagħti l-ebda definizzjoni tar-reat tas-serq, iżda skont il-ġurista Taljan Carrara, is-serq huwa t-teħid doluż ta' oġġett li jappartjeni lil ħaddieħor, akkwistat b'mod frawdolenti, u dan bil-għan illi jsir il-qliegħ mir-res furtiva.

Din il-Qorti, wara li qieset il-provi indizzjarji u ċirkostanżjali li nstabu fil-kors tal-investigazzjonijiet tal-Pulizija, u b'mod partikolari wara li rat il-filmat ta' l-akkadut, eżebit bħala Dok MM1, tqies li l-imputat kien ser jisraq flixken tax-xorb minn ġo dan il-ħanut. Jidher mill-filmat, li l-imputat daħal fil-ħanut, jidhru jaqgħu xi flixken tax-xorb mal-art, u imbagħad jidhru Mariah Magro u

l-imputat fuq barra tal-ħanut, fejn Mariah Magro qed tipprova twaqqaf u tiġbed lura l-oġġetti li kienu fil-pussess tal-imputat. Mill-filmat jidher li l-imputat irnexxielu joħroġ b'kaxxa tal-plastik ta' xorb f'idu, li mbagħad tajjarha, wara li baqgħet tissara miegħu Mariah Magro, kif ukoll kellu flixkun xorb taħt il-ġakketta tiegħu, li wkoll in vista tal-konfront li kien qed iseħħ bejnu u bejn Magro, spiċċa ttajjar mal-art ukoll.

Id-difiża argumentat li l-imputat spiċċa aggredit u mkeċċi mill-ħanut, mingħajr ma ngħata ċans li jersaq lejn il-*cash register* biex iħallas. Ġie argumentat li malli dan daħal fil-ħanut, ġie aggredit għaliex ġie assunt li kien daħal fil-ħanut biex jisraq. Din il-Qorti tqies li mill-filmat tal-camera li turi l-entratura mit-triq tal-ħanut, jirriżulta li l-imputat, sa kien daħħal flixkun tax-xorb taħt il-ġakketta maqfula li kien liebes. Jidher ukoll li anke kellu kaxxa tal-plastik bi flixken tax-xorb f'idu. Li kieku verament ma kellux l-intenzjoni li jisraq, ma kienx ser ipoġġi flixken tax-xorb taħt il-ġakketta, u lanqas ma kien jibqa' ħiereġ 'il barra meta ġie kkonfrontat minn Mariah Magro. Il-Qorti tinsab konvinta li ġie ppruvat lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li l-imputat daħal f'dan il-hanut biex jisraq, u li kieku ma kienx għall-intervent ta' Mariah Magro, l-istess imputat kien jirnexxielu jisraq.

Dwar il-fatt li ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-valur tal-allegat oġġetti li kienu ser jinsterqu, il-Qorti tqis li l-valur tal-ħaġa misruqa jirrendi r-reat tas-serq aktar oneruż, ai termini tal-Artikolu 267 tal-Kodiċi Kriminali. Illi ai termini tal-Artikolu 284 tal-Kodiċi Kriminali, is-serq mhux akkumpanjat minn waħda mill-kwalifiki msemmijin fl-Artikolu 261, huwa serq sempliċi. Imbagħad, l-Artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali jistipola, li l-ħati ta' serq sempliċi jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn xahar sa sitt xhur: Iżda jekk il-valur tal-ħaġa misruqa ma jkunx iżjed minn tlieta u għoxrin Ewro u disgħa u għoxrin ċenteżmu (€23.29), l-akkużat jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur.

Illi huwa minnu li minn imkien ma jirriżulta l-valur tal-affarijiet li kien qed isir attentat fuqhom li jinsterqu. Il-Qorti f'dan l-istadju, tagħmel referenza għal sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif ippreseduta, fl-ismijiet, Pulizija vs Mario Farrugia, deċiża fit-22 ta' Lulju 2020, (li qed tistenna l-eżitu tas-sentenza mill-Qorti tal-Appell), fejn id-difiża argumentat li l-Prosekuzzjoni, ma kinitx f'pożizzjoni li tiddikjara kemm kwantum ta' flus seraq l-imputat mill-bottijiet tal-karità. Il-Qorti ddeċidiet li:

"*Madanakollu, f' dan ir-rigward ghandu jinghad li l-imputat huwa akkuzat b' serq semplici u mhux b' xi aggravvju tal-valur. Ghar-rigward ta' piena, din il-Qorti sejra tapplika il-proviso ta' l-artikolu 285 tal-*

*Kodici Kriminali stante li gialadarba ma hux maghruf il-valur tal-haga misruqa, din il-Qorti sejra tapplika dak l-artikolu li l-aktar huwa ta' inqas pregudizzju ghall-imputat u ghalhekk sejra tqis li l-piena li sejra taghti fir-rigward ta' din l-akkuza ma jeccediex it-tlett xhur prigunerija."*

Din il-Qorti, fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ, fejn ma hux magħruf il-valur tal-ħaġa li kienet qed tiġi ttentata li tinsteraq, tissottolinja li l-imputat f'dan il-każ, kien qed jiġi akkużat b'attentat ta' serq sempliċi. Sejra wkoll tapplika l-proviso tal-Artikolu 285 tal-Kodiċi Kriminali, stante li dan huwa ta' inqas pregudizzju għall-imputat.

Dwar ir-raba' imputazzjoni ravviżata fl-Artikolu 221(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioè dik li ġew ikkaġunati ġrieħi ta' natura ħafifa lil Mariah Magro, il-Qorti rat l-affidavit tat-Tabib Gabriel Borg, kif ukoll iċ-ċertifikat mediku rilaxxat minnu. Ħadet in konsiderazzjoni, ix-xhieda ta' Mariah Magro, u anke l-filmat eżebit. Issib li din l-imputazzjoni ġiet ampjament ippruvata mill-Prosekuzzjoni.

Dwar piena, din il-Qorti tqies li piena karċerarja, ma hijiex dik idoneja fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ. Tqies iżda, li għandha tapplika l-Artikolu 412C u l-Artikolu 382A, u toħroġ Ordni ta' Trażżin fil-konfront tal-imputat.

**Deċide**

**Għaldaqstant, din il-Qorti qiegħda tillibera lill-imputat mill-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, filwaqt li wara li rat l-Artikoli 41 (1)(a), 284, 285 u 221(3) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, issib lill-imputat ħati tat-tielet u r-raba' imputazzjoni, u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qed tilliberah, bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tliet xhur mil-lum.**

**In oltre u b'applikazzjoni tal-Artikoli 382A u 412C tal-istess Kapitolu 9, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Mariah Magro u Gordon Micallef, qed tpoġġi lill-ħati taħt Ordni ta' Trażżin għal perjodu ta' sena, taħt il-kondizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti llum stess, u li għandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**